**Ref tagħna: CEP/3**

24 ta' Awwissu 2016

L-Onor Dr José A Herrera
Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima
Casa Leoni
St Joseph High Road
Sta Venera
SVR 1012

L-Onor. Dr Deborah Schembri
Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva
L-Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta
VLT 1061

Għeżież Ministru, Segretarju Parlamentari.

Inħossni fid-dover li nwassal għall-attenzjoni tagħkom ir-riżervi serji li għandi dwar l-effetti negattivi li qed jirriżultaw fuq il-protezzjoni tal-ambjent wara li ġiet fis-seħħ u qed titħaddem il-leġislazzjoni li tat effett lid-*demerger* bejn l-Awtoritajiet tal-Ippjanar u tal-Ambjent u r-Riżorsi. Riżervi li jiena kont diġà indikajt tħassib dwarhom f'ittra li bgħatt lill-Onor. Prim Ministru u lill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni fit-2 ta' Settembru 2015 (kopja annessa) u li fiha esponejt il-ħsibijiet tiegħi dwar l-abbozzi tal-liġijiet li fasslu d-*demerger* fil-MEPA li kienu qed jiġu diskussi fil-Kamra tad-Deputati.

F'dik l-ittra jien kont esprimejt it-tħassib tiegħi li "*Irid jiġi assikurat li l-ħidma taż-żewġ Awtoritajiet tkun trasparenti u tħalli lok għal skrutinju u parteċipazzjoni tal-pubbliku f'kull livell, filwaqt li jkun hemm* checks and balances *neċessarji fl-istrutturi amministrattivi u proċedurali li jaddottaw dawn l-Awtoritajiet*".



Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta | www.ombudsman.org.mt
Phone: +356 2248 3219 | Fax: +356 2124 7924 | Email: cep@ombudsman.org.mt

B'mod partikolari kont insistejt fuq il-ħtieġa li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi tkun preżenti dejjem fuq il-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar u mhux tkun preżenti biss fuq l-istedina taċ-*Chairperson* Eżekuttiv. Dan bi dritt u "*... sabiex jissaħħaħ il-kunċett li kunsiderazzjonijiet ambjentali ma jieqfux biss ma' deċiżjonijiet dwar pjani u ordnijiet ta' konservazzjoni iżda għandhom jiddaħħlu fit-tfassil ta' strateġiji u allokazzjoni ta' riżorsi*".

Kont ukoll irreferejt għar-realtà li "*... huwa faċli li jkollok iż-żewġ strateġiji nazzjonali f'pożizzjoni kontliġġenti fuq xi aspett ta' żvilupp propost*" għaliex kien evidenti li fit-tħaddim tal-istrateġiji nazzjonali taż-żewġ awtoritajiet "*... ser ikun hemm* overlapping *konsiderevoli għaliex l-aspett ambjentali fit-tifsila wiesgħa tiegħu, jaffettwa l-iżvilupp fiżiku f'kull qasam ...*". Il-fatti li seħħew u qed iseħħu f'dawn l-aħħar ġimgħat jiġġustifikaw għal kollox il-preokkupazzjoni li jiena kont allura esprimejt.

Hi l-konvinzjoni tiegħi li, f'pajjiż bħal Malta diġà żviluppat, konsiderazzjonijiet ambjentali għandu jkollhom almenu l-istess saħħa daqs deċiżjonijiet dwar l-ippjanar. Jekk xejn, deċiżjonijiet dwar l-ippjanar għandhom ikunu ikkundizzjonati mill-kunsiderazzjonijiet ambjentali. Dan ifisser li r-regolaturi f'dawn iż-żewġ oqsma għandhom ikunu żewġ awtoritajiet almenu tal-istess saħħa. Bħala regola, proġetti ta' żvilupp għandhom ikunu konformi mal-kunsiderazzjonijiet, opinjonijiet u linji gwida espressi dwarhom mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi.

Wara kollox dan ma jagħmel xejn ħlief li jirrifletti l-għanijiet espressi mill-Gvern meta vara l-proġett tad-*demerger* fejn ġie ddikjarat ripetutament li b'dan l-eżerċizzju l-ambjent kien ser ikollu vuċi aktar b'saħħitha.

L-esperjenza riċenti tat-twettiq tal-liġijiet fil-prattika juru proprju bil-kontra. L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi tirriżulta li hi waħda bla saħħa, bla snien u bla ebda influwenza jekk mhux ukoll għal kollox irrelevanti għad-deċiżjonijiet meħuda fuq l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-iżvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar. Dan apparti l-fatt li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi f'diversi okkażjonijiet tidher li ma kienet xejn effikaċi u lanqas sewwa preparata biex teżerċita b'mod effettiv il-funzjonijiet anke limitati li fil-fatt għandha.

L-esperjenza qed turi li l-aspett ambjentali ta' proġett hu għal kollox sekondarju għall-għoti tal-permess li jista' jiġi deċiż esklussivament fuq kunsiderazzjonijiet ta' ippjanar u żvilupp mingħajr l-obbligu fuq l-Awtorità tal-Ippjanar li tikkunsidra bis-serjetà u bir-reqqa l-fehma tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi dwar l-impatt ambjentali tal-proġett u dan bħala kundizzjoni *sine qua non* għall-għoti tal-permessi meħtieġa.

Mill-banda waħda allura għandek Awtorità tal-Ippjanar b'saħħitha li tista' tiddispensa kif trid mill-kunsiderazzjonijiet ambjentali u tqishom biss jekk u meta dawn jiġu sottomessi lilha mir-rappreżentant tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, u mill-banda l-oħra għandek l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi dgħajfa li m'għandha l-ebda jedd timponi fuq l-Awtorità tal-Ippjanar li tisma' u tqis is-sottomissjonijiet tagħha dwar l-applikazzjoni, jekk u meta tagħmilhom. Awtorità li għandha biss vot wieħed minn eżekuttiv ta' erbatax li l-parti l-kbira huma maħtura mill-Gvern.

Din ir-realtà hi ovvjament ta' żvantaġġ għall-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi. Realtà li b'konsegwenza tal-mod kif il-liġijiet ġew imfassla, waslet u qed twassal għal sitwazzjonijiet fejn il-kunsiderazzjonijiet ambjentali li jeħtieġ li jiġu ikkunsidrati fl-interess tal-ġid komuni fl-ipproċessar ta' proġetti ta' żvilupp kbar jew żgħar, jiġu preġudikati jew għall-inqas jidher li jistgħu jkunu preġudikati favur l-interessi tal-iżviluppatur, il-profitt u vantaġġi ekonomiċi.

Mingħajr ma nidħol fil-mertu ta' uħud minn dawn il-proġetti, anke għaliex jista' ikun li għadu possibbli li jsir appell kontra deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar li approvat l-għoti tal-permess, ser nirreferi għal ċirkostanzi li seħħew u li huma oġġettivament inaċċettabbli. Dan biex nillustra kemm hi dgħajfa u ineffettiva l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fil-konfront tal-Awtorità tal-Ippjanar u biex min huwa responsabbli jieħu l-passi kollha meħtieġa biex sitwazzjoni serja ta' din ix-xorta tiġi urġentement rimedjata.

1. Il-liġi tipprovdi li fuq dan il-Bord ikun hemm "... *rappreżentant tal-Awtorità tal-Ambjent*". Dan ifisser li jista' ikun kwalunkwe membru tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi li jiġi minnha delegat biex jidher u jivvota fuq il-Bord tal- Ippjanar. Bħala regola, jekk ma jkunx hemm ħaddieħor delegat, huwa ċ-*Chairman* li għandu rappreżentanza legali tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u allura huwa preżunt li jkun hu li jidher għaliha fuq il-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar. Però min jirrappreżenta l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, ikun min ikun, ma jagħmilx hekk fil-vesti personali tiegħu, imma in rappreżentanza tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi u hu obbligat li jesprimi l-fehma ta' dik l-Awtorità u jivvota skont il-mandat lilu mogħti.

2. Infatti, il-liġi tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi tipprovdi wkoll li jekk iċ-*Chairman* ma jkunx f'pożizzjoni li jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu minħabba indispożizzjoni jew għal xi raġuni oħra l-Awtorità għandha dritt li tiddelega lil ħaddieħor. Delega din li trid tirriżulta minn deċiżjoni tal-Awtorità li għandha tiġi ikkomunikata lill-Awtorità tal-Ippjanar u f'dan il-każ lill-Bord tal-Ippjanar tagħha. Jidher għalhekk li jista' ikun hemm interpretazzjoni legali differenti għal dik li s'issa hija n-norma, jiġifieri li ċ-*Chairman* ma jistax

jappunta delegat fuq il-Bord. Nifhem li din il-lakuna qiegħda diġà tiġi indirizzata.

3. Hu mbagħad għal kollox kontra r-regoli tat-trasparenza u l-kontabilità li l-opinjoni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, li setgħet tkun ta' valur determinanti fid-deċiżjoni dwar l-għoti tal-permess, tibqa' sigrieta u mistura mill-membri l-oħra tal-Bord tal-Ippjanar u mill-opinjoni pubblika. Ċirkostanzi bħal dawn ifissru li elementi materjali ta' fatt u ta' opinjoni awtorevoli li setgħu jinfluenzaw it-teħid tad-deċiżjoni dwar l-għoti tal-permess, ikunu ġew indebitament mistura. Dan bi ksur tal-prinċipji bażilari li għandhom jiggvernaw is-smigħ xieraq.

4. Mill-banda l-oħra l-fatt li l-liġi donnha tippermetti li l-Awtorità tal-Ippjanar tista' tinjora l-assenza tar-rappreżentant tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, anke meta tkun mgħarrfa bl-indispożizzjoni tiegħu u meta m'għandhiex quddiemha r-reazzjoni ta' dik l-Awtorità għall-proġett propost għaliex dik ir-reazzjoni tibqa' mistura mill-membru tagħha, turi kemm il-liġijiet viġenti huma difettużi u nieqsa mill-protezzjoni li għandhom jagħtu liċ-ċittadin fid-difiża tal-jeddijiet ambjentali tiegħu. Mingħajr ma nesprimi ġudizzju dwar dak li seħħ, jew dwar ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet konċernati, hu fatt li jekk dak li ġara seta' jiġri bil-liġijiet kif imfassla jeħtieġ li jittieħdu passi sabiex sitwazzjonijiet bħal dawn ma jiġux ripetuti.

Dan li qed jingħad ma japplikax biss għall-inċidenti li nqalgħu dan l-aħħar fl-approvazzjoni ta' bini *high rise*. Jekk xejn, dak li ġara ikkonferma b'mod ċar dak li kien diġà evidenti, anke minn stqarrijiet tal-istess Awtorità fejn ilmentat li l-opinjoni tagħha fuq applikazzjonijiet għal żvilupp fuq siti ODZ ma kienitx qiegħda tingħata l-importanza xierqa.

Hu ċar li f'dan il-kuntest il-prinċipji li għandhom jirregolaw il-governanza tajba tal-amministrazzjoni pubblika m'humiex qed jiġu rispettati. Il-fatti li ġraw waqt smigħ mill-Bord tal-Ippjanar ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' permessi għall-proġett ta' *Highrise Building* f'Tigné servew biex urew b'mod ċar dak li għadni kemm iddeskrivejt. Dan qed iwassal għal sitwazzjoni fejn l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jkollha tappella d-deċiżjoni sabiex tara li l-opinjoni tagħha tkun irrispettata, u anke dan ma jfissirx li ser tirnexxi. L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi m'għandhiex tkun mgħobbija bil-piż finanzjarju w amministrattiv ta' numru ta' appelli. Dan għaliex, bħala awtorità tal-istess saħħa u poter daqs l-Awtorità tal-Ippjanar, għandu jkollha l-istess għarfien bil-liġi għad-deċiżjonijiet tagħha.

S'issa dan m'huwiex il-każ, u għalhekk il-pjan tal-Gvern li joħloq żewġ awtoritajiet paralleli u tal-istess saħħa, m'huwiex qiegħed jirnexxi. Fl-ittra

tiegħi tat-2 ta' Settembru 2015 li għaliha irreferejt fil-bidu ta' din l-ittra jiena kont għidt li "*Minn mindu twaqqfet l-Awtorità tal-Ambjent li wara saret l-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar kien hemm sforz kontinwu sabiex isir titjib fil-livell ta' parteċipazzjoni tal-pubbliku kif ukoll li l-Awtorità tkun aktar miftuħa għal skrutinju pubbliku fix-xogħol kollu li tkun qiegħda twettaq*". Kont imbagħad sostnejt li "*L-abbozzi li qiegħdin jiġu diskussi jnaqqsu ferm minn dawn iż-żewġ elementi. Hemm bżonn għalhekk li jsiru emendi fl-abbozzi sabiex din il-problema tiġi indirizzata*".

Sabiex nitilqu mis-sempliċi retorika għall-fatti, jeħtieġ li żvilupp għandu jitqies bħala attività li ser tħalli impatt ambjentali, li jista' ikun pożittiv jew negattiv, u mhux bil-maqlub, jiġifieri li l-ambjent jista' ikollu impatt fuq l-iżvilupp. Jekk l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi topponi għal żvilupp ikun ifisser li l-impatt tiegħu fuq l-inħawi (u f'każ ta' ċerti proġetti l-impatt jista' ikun nazzjonali), ser isarraf fi tnaqqis tal-kwalità tal-ħajja tar-residenti tal-madwar. Il-kunċett ta' degradazzjoni tal-ambjent urban minħabba żvilupp li jistona kontestwalment mal-inħawi tiegħu għadu m'huwiex enfasizzat biżżejjed.

Tajjeb li jissemma hawnhekk li hemm progress fir-rikonoxximent tar-rwol tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fil-proċeduri ta' *screening* jew ta' konsultazzjoni preliminari, billi żviluppaturi qegħdin jikkonsultaw mal-Awtorità fl-istadji bikrija tat-tfassil ta' proġetti sabiex jiġu identifikati ostakoli li jistgħu jwasslu għal rifjut tal-permess minħabba raġunijiet ambjentali. Hekk qiegħed jissaħħaħ ir-rwol ta' awtorità parallela, kif kien il-ħsieb oriġinali tal-Gvern.

F'din is-sitwazzjoni nħoss li għandi nirrakkomanda li jsir tibdil fil-liġijiet u regolamenti, sabiex il-proċeduri jinbidlu u l-ewwelnett ir-rapport bl-opinjoni tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jitqiegħed flimkien mad-DPAR imħejji mid-Direttorat tal-Awtorità tal-Ippjanar fid-dokumentazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, u mhux sempliċiment issir referenza għaliha fid-DPAR. Dan jassigura aktar trasparenza u skrutinju pubbliku kif inhu xieraq.

Minbarra dan, ikun x'ikun l-iżvilupp propost, jekk l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi tesprimi riżervi dwaru, il-permess ma jingħatax sakemm isiru l-emendi meħtieġa u jiġu indirizzati dawn ir-riżervi għas-sodisfazzjon tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi. Din hija l-proċedura li diġà tintuża in konnessjoni ma kwistjonijiet ta' saħħa pubblika, li wara kollox tifforma element wieħed biss mill-fatturi ambjentali li jikkundizzjonaw proposti ta' żvilupp.

Inħeġġiġkom għalhekk, biex fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet fost l-oħrajn tqisu x'miżuri korrettivi għandhom jittieħdu biex jinħoloq il-bilanċ meħtieġ bejn l-Awtorità tal-Ippjanar u l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi.

Bilanċ li għandu joħloq sinerġija bejn iż-żewġ awtoritajiet immirata biex kull żvilupp fil-pajjiż ikun ikkundizzjonat u iggwidat mill-esiġenzi ambjentali iddettati mill-ġid komuni u mhux mill-interessi privati jew tas-suq.

Jien nibqa' għad-dispożizzjoni tagħkom jekk tixtiequ li l-materja tiġi diskussa ulterjorment. Qiegħed nibgħat kopja kif jidhirli li hu xieraq lill-Onor. Prim Ministru u lill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni. Inħoss li kif għamilt fil-każ tal-ittra tat-2 ta' Settembru 2015 li kopja kienet intbagħtet lill-Kumitat dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp tal-Kamra tar-Rappreżentanti, għandi nagħti pubbliċità ukoll lil din l-ittra li tesprimi l-fehma tal-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fuq materja ta' importanza ġenerali u nazzjonali.

Perit David Pace
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar

Dokument anness

Kopja: Il-Prim Ministru
Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta

Il-Kap tal-Oppożizzjoni
Dar Ċentrali
Triq Herbert Ganado
Pietà

Iċ-*Chairman*
Kumitat dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp
Kamra tar-Rappreżentanti
Parlament ta' Malta
Misraħ il-Ħelsien
Il-Belt Valletta